



Brussell, 5 ta' April 2022
(OR. fr, en)

7769/22

JEUN 39
EDUC 114
SPORT 21
ENV 308
ONU 48

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7053/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill – Trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġħ bħala atturi tal-bidla sabiex jiġihares l-ambjent

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, imsemmija hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fil-5 ta' April 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill – Trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,
IMLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU DAN LI ĠEJ:

1. L-Għan Ewropew Nru 10 dwar iż-Żgħażaġħ kif inhu mehmuż mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, intitolat “Ewropa Ekoloġika Sostenibbli”, għandu l-għan li “Tinkiseb soċjetà fejn iż-żgħażaġh kollha jkunu attivi ambjentalment, edukati u kapaċi li jagħmlu differenza fil-ħajja tagħhom ta’ kuljum”;
2. L-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli¹ tirrikonoxxi li ż-żgħażaġh huma aġenti kritiċi tal-bidla fl-iżvilupp sostenibbli. Barra minn hekk, il-Programm ta’ Azzjoni Dinji għaż-Żgħażaġħ tan-Nazzjonijiet Uniti² jħeġġeġ liż-żgħażaġh biex ikunu attivi fis-soċjetà;
3. L-Unjoni Ewropea hija impenjata favur l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u għall-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, sabiex tibni d-dinja ta’ għada b’mod aktar ekoloġiku, aktar paċifiku u aktar ġust³;

¹ Riżoluzzjoni 70/1 adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta’ Settembru 2015. Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli).

² Il-Programm Dinji ta’ Azzjoni għaż-Żgħażaġħ tan-Nazzjonijiet Uniti, Ġunju 2010: <https://www.un.org/esa/socdev/unyin/documents/wpay2010.pdf>

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill, Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 (10 ta’ Diċembru 2019): <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14835-2019-INIT/mt/pdf>
Konklużjonijiet tal-Kunsill, Approċċ komprensiv biex tiġi ftehim l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19 (it-22 ta’ Ġunju 2021) <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9850-2021-INIT/mt/pdf>

4. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-sħiħ għall-Ftehim ta' Pariġi adottat matul il-Konferenza ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima tan-Nazzjonijiet Uniti (COP21) f'Diċembru 2015. Biex jinkiseb l-iskop u jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Ewropea tenfasizza l-importanza tas-sitt elementi kollha tal-Azzjoni għal Awtonomizzazzjoni b'rabta mal-Klima, tirrikonoxxi r-rwol kritiku taż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla fl-azzjoni dwar il-klima, u tappella biex ikun hemm aktar involviment taż-żgħażaġh fil-politika dwar it-tibdil fil-klima fil-livell internazzjonali, Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll fl-isfruttar tal-potenzjal tal-Azzjoni għal Awtonomizzazzjoni b'rabta mal-Klima;
5. Il-ħarsien tal-ambjent huwa għan ewlieni tal-Unjoni Ewropea li, b'mod partikolari, ser jiżgura "livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent"⁴ u ser jikseb in-newtralità klimatika sal-2050⁵;
6. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022⁶, li għandha l-għan li żżid l-isforzi mill-Unjoni Ewropea, mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jappoġġaw liż-żgħażaġh u jaħdmu magħhom hekk kif noħorġu mill-pandemija, għandha wkoll l-għan li tippromwovi l-opportunitajiet u l-possibbiltajiet il-ġodda offruti mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Dawn it-tranżizzjonijiet għandhom ikunu inklużivi u jagħtu attenzjoni lill-integrazzjoni taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet;

⁴ Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁵ Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima").

⁶ Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1–9.

7. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew⁷ huwa pjan direzzjonali biex tinholq soċjetà sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, billi tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva għal kulħadd. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm fokus fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi, li huma partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u għad-diżastri naturali.

FILWAQT LI HUMA KONXJI MINN DAN LI ĠEJ:

8. Hemm sensibilizzazzjoni u xewqa dejjem jikbru fost iż-żgħażaġh biex ikunu involuti fi kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fi kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi⁸. Iż-żgħażaġh ġew immobilizzati bil-qawwa fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali fejn tidħol is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali, inkluż it-tibdil fil-klima, u dan permezz ta' promozzjoni, protesti favur il-klima, kampanji ta' mobilizzazzjoni online u b'mezzi oħra;
9. Ħafna żgħażaġh huma favur azzjoni ambjentali qawwija u miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-tibdil fil-klima⁹ u t-telfien tal-bijodiversità. Xi wħud minnhom huma involuti fi Prattiki Ekoloġiċi li jistgħu jservu ta' mudell għall-bqija tas-soċjetà. Delegati żgħażaġh minn madwar id-dinja, inkluż mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, ippreżentaw Manifest Youth4Climate fil-COP26 fi Glasgow biex jappellaw biex tittieħed azzjoni mill-mexxejja dinjija¹⁰;

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew. COM/2019/640 final.

⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Flash 478 (2019), How do we build a stronger, more united Europe? The views of young people : report (Kif nistgħu nibnu Ewropa aktar b'saħħitha u aktar magħquda? Il-fehmiet taż-żgħażaġh: rapport) <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/99cb705b-fa13-11e9-8c1f-01aa75ed71a1>

⁹ Stħarriġ pan-Ewropew, ir-Rapport ewlieni għal diversi pajjiżi, #Climate of change (#Klima ta' bidla), 2021: https://eeb.org/wp-content/uploads/2021/04/IPSOS-Multi-Country-Report-complete.FINAL_.pdf

¹⁰ Il-Manifest Youth4Climate huwa eżitu tal-avveniment "Youth4Climate: Driving Ambition" (Youth4Climate: Nimmotivaw l-Ambizzjoni), imtella' mill-Gvern tal-Italja. Dan jinkludi ideat u proposti konkreti dwar xi wħud mill-kwistjonijiet l-aktar urġenti fuq l-aġenda klimatika, inkluż l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli.

10. Il-livell ta' mobilizzazzjoni u ta' involviment iwarja minn persuna żagħżuġha għal oħra: livelli għoljin ta' kapital edukattiv¹¹, kulturali u soċjali normalment jikkorrispondu għal livelli oġhla ta' involviment;
11. Il-kriżi tas-saħħa globali tal-COVID-19 u t-tnaqqis temporanju fir-ritmu tal-attività ekonomika globali, li kellhom implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali sinifikanti, b'mod partikolari għaż-żgħażaġħ, xeħtu dawl fuq l-impatt dirett ta' ċerti attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent¹². Id-diversi pakketti ta' stimolu u pjanijiet nazzjonali u Ewropej biex tingħeleb il-kriżi huma opportunitajiet biex tiġi mmotivata tranżizzjoni sostenibbli u ekoloġika li fiha ż-żgħażaġħ kollha għandu jkollhom l-opportunità li jinvolvu lilhom infushom bis-sħiħ bħala atturi tal-bidla.

IQISU LI:

12. Huwa importanti li jiġi żgurat li ż-żgħażaġħ kollha, irrispettivament minn fatturi bħall-ġeneru, id-diżabilità, il-livell ta' edukazzjoni, l-isfond soċjali u ekonomiku, il-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' residenza, jifhmu l-isfidi tal-iżvilupp sostenibbli u jkunu konxji mill-implikazzjonijiet tad-deċiżjonijiet, tal-azzjonijiet u tal-għażliet marbuta mal-istil ta' ħajja fuq l-ambjent, il-bijodiversità u l-klima. Il-ġenerazzjonijiet kollha, inklużi ż-żgħażaġħ, għandu jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex jieħdu azzjoni rilevanti;
13. Sabiex ikunu jistgħu jkunu involuti bis-sħiħ, iż-żgħażaġħ għandu jkollhom informazzjoni u data affidabbli bbażati fuq l-evidenza biex ikunu jistgħu jeżerċitaw ġudizzju infurmat rigward l-isfidi u s-soluzzjonijiet ambjentali, dawk relatati mal-bijodiversità u mat-tibdil fil-klima, kif ukoll sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw u jsaħħu l-ħiliet fil-ħsieb kritiku. Għandhom isiru sforzi biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima;

¹¹ David E. Campbell, What is the impact of education on civic and social engagement? Measuring the effects of education on health and civic engagement. Proceedings of the Copenhagen symposium (X'inhu l-impatt tal-edukazzjoni fuq l-involviment ċiviku u soċjali? Kejl tal-effetti tal-edukazzjoni fuq is-saħħa u l-involviment ċiviku. Proċedimenti tas-simpożju f' Copenhagen), OECD 2006, <https://www.oecd.org/education/innovation-education/37425694.pdf>

¹² Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), Climate Change 2021: The Physical Science Basis: (It-Tibdil fil-Klima 2021: Il-Bażi Xjentifika Fiżika) https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg1/downloads/report/IPCC_AR6_WGI_SPM_final.pdf

14. Huwa importanti wkoll li jiġi promoss id-djalogu, kemm fost iż-żgħażaġh kif ukoll bejn il-ġenerazzjonijiet, dwar il-kwistjonijiet etiċi li jirrigwardaw l-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent u r-rispett għall-ħlejjaq ħajjin, billi jinholq spazju għal diskussjonijiet sabiex iż-żgħażaġh u s-soċjetà inġenerali jkunu jistgħu jirriflettu dwar il-valuri u l-kontroversji li jikkonċernaw dawn il-kwistjonijiet;
15. L-isforzi biex jiġu mmobilizzati ż-żgħażaġh fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali u ta' miżuri biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telfien tal-bijodiversità għandhom jiġu riflessi fil-politiki pubbliċi lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Dawn ma għandhomx jissodisfaw biss l-aspettattivi taż-żgħażaġh kemm jista' jkun, iżda għandhom jagħtuhom ukoll l-opportunità li jipparteċipaw b'mod attiv u sinifikattiv fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' dawk il-politiki;
16. L-involviment taż-żgħażaġh fl-azzjoni ambjentali jeħtieġ sensibilizzazzjoni u apprendiment, kemm jekk formali, mhux formali jew informali, dwar kwistjonijiet ambjentali minn età żgħira ħafna;
17. Sabiex ikunu kompletament kapaċi jipproponu u jiżviluppaw soluzzjonijiet prattiċi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ambjentali, iż-żgħażaġh, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, għandhom jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-proġetti volontarji jew intraprenditorjali tagħhom u għandhom jibbenefikaw minn appoġġ prattiku u assistenza teknika, kif ukoll minn għotjiet pubbliċi jew investiment privat.

JENFASIZZAW DAN LI ĠEJ:

18. Huwa importanti li ż-żgħażaġh kollha jitħeġġu jinvolvu lilhom infushom fit-tiswir tal-ħajjiet tal-komunitajiet lokali tagħhom, inkluż fejn possibbli, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex dawn ikunu jistgħu jkunu atturi u motivaturi ta' bidla li ttejjeb il-ħarsien tal-ambjent u tgħin biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità;
19. Il-kollaborazzjoni bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ta' ħidma fost iż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam tal-ambjent hija kruċjali biex jiġi appoġġat l-involviment taż-żgħażaġh u biex dawn jingħataw il-possibbiltà li jieħdu azzjoni. Għandhom jitħeġġu l-fiduċja reċiproka u l-kollaborazzjoni fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-ambjent;
20. Is-solidarjetà u l-ġustizzja interġenerazzjonali għandhom jiġu indirizzati fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent, sabiex il-benefiċċji għall-ġenerazzjonijiet preżenti ma jkunux f'kunflitt mad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

JOSSERVAW DAN LI ĠEJ:

21. L-ideat u l-opinjoniġiet taż-żgħażaġh li ġew kondiviżi fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Jannar 2022, fil-bidu tad-Disa' Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, kienu relatati ma' dan li ġej:

- a) *Ġew identifikati ħames oqsma ta' azzjonijiet. Matul id-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, iż-żgħażaġh u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ser ikollhom jaħsbu u jaħdmu skont dawn l-oqsma speċifiċi biex jistabbilixxu proposti konkreti.*
- b) *L-ewwel nett, fil-qasam tal-informazzjoni u tal-edukazzjoni, il-ħiliet miksuba permezz tal-edukazzjoni mhux formali jridu jiġu rikonoxxuti bħala proċess ta' apprendiment sħiħ. Kemm l-awtoritajiet lokali kif ukoll l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh għandhom ir-responsabbiltà li jaħdmu flimkien sabiex jagħtu liż-żgħażaġh l-opportunità li jsiru jafu aktar dwar l-ambjent u biex isibu soluzzjonijiet. L-edukazzjoni hija l-investment l-aktar siewi fid-demokrazija.*
- c) *Fil-qasam tal-azzjoni u tal-awtonomizzazzjoni, iż-żgħażaġh iridu jingħataw l-opportunità li jkollhom rwol attiv fid-deċiżjonijiet li ser isawrulhom ħajjithom u l-ħajjiet tal-ġenerazzjonijiet futuri. Iż-żgħażaġh iridu jagħmlu parti mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha. Dawn spiss ma jingħatawx biżżejjed attenzjoni u ma jkunux irrappreżentati biżżejjed, minkejja li jkunu esprimew ideat u tħassib li għandhom jinteressaw lil dawk f'livelli superjuri li jieħdu d-deċiżjonijiet.*

- d) *Fil-qasam tal-governanza, iż-żgħażaġh ta' taħt it-30 sena jirrappreżentaw inqas minn 2.6 % mill-membri tal-parlamenti nazzjonali. Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-preżenza taż-żgħażaġh ma tintużax bħala mekkaniżmi ta' youthwashing. L-istrutturi eżistenti, bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-Parlament Ewropew taż-Żgħażaġħ, iridu jingħataw għodod effettivi biex jaġixxu bħala strutturi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Matul id-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, hemm bżonn li ssir ħidma b'mod sostenibbli u inklużiv biex iż-żgħażaġh jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Huwa fundamentali wkoll li ż-żgħażaġh ikollhom biżżejjed appoġġ, finanzjament u informazzjoni biex ikunu involuti b'mod sinifikattiv. Hemm bżonn li jiġu eżaminati l-proċessi parteċipattivi fil-livell nazzjonali biex jiġi żgurat li dawn ikunu sostenibbli u inklużivi kemm jista' jkun.*
- e) *Fil-qasam tal-mobbiltà u s-solidarjetà, ġie osservat li l-mobbiltà mhijiex aċċessibbli jew possibbli b'mod ugwali għaż-żgħażaġh kollha. Ir-riċerka tippermettilna nidentifikaw aħjar lil daww iż-żgħażaġh li ma jipparteċipawx fi programmi ta' mobbiltà. Hemm bżonn li nibdew nadottaw prattiki aktar virtużi li jgħinu lis-soċjetà biex tifhem aħjar il-programmi ta' solidarjetà u biex tilħaq il-membri kollha tagħha.*
- f) *Fl-aħħar nett, l-aċċess għall-infrastruttura jista' jagħti l-impressjoni li huwa qasam inqas importanti, iżda hemm rabta mill-qrib bejn l-infrastruttura u l-kwalità tal-ħajja u l-edukazzjoni taż-żgħażaġh. Skont ikunux ġejjin minn żona rurali jew urbana, hemm impatt fuq kif iż-żgħażaġh jieħdu d-deċiżjonijiet. F'żoni rurali, it-trasport pubbliku huwa problema serja. Il-problemi tat-trasport jistgħu jirriżultaw fl-iżolament taż-żgħażaġh. Għalhekk, l-esklużjoni ta' ċerti gruppi ta' żgħażaġh ma tistax twassal biex tinkiseb soċjetà inklużiva. Hemm bżonn li jiġi żgurat li jkun hemm għażliet sostenibbli u affordabbli għal kulħadd.*

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX:

22. Jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, taż-żgħażaġh u dawk ambjentali, kif ukoll lill-esperti u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra fir-rwol tagħhom bħala fornituri ta' informazzjoni liż-żgħażaġh, u jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jxerrdu informazzjoni u data affidabbli, preċiżi u ta' kwalità tajba dwar it-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità, it-tniġġis u kwistjonijiet ambjentali oħra abbażi tax-xjenza, li jkunu xierqa għal udjenzi ta' etajiet u sfondi differenti u adattati għal kull ambjent ġeografiku, inkluż ambjenti insulari jew tropikali;
23. Jipprovdu opportunitajiet ta' taħriġ u ta' apprendiment professjonali lill-atturi fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u fl-apprendiment mhux formali u informali, inkluż persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, u dan permezz ta' metodi u approċċi ta' apprendiment li jkunu interattivi, prattiċi u orjentati lejn is-soluzzjonijiet sabiex jinfurmaw, jedukaw u jappoġġaw aħjar liż-żgħażaġh fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali u soċjali, kif ukoll it-tibdil fil-klima;
24. Permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali u tal-apprendiment mhux formali u informali, jgħammru liż-żgħażaġh aħjar bil-kompetenzi meħtieġa biex jifhmu l-kwistjonijiet ambjentali u jaġixxu fir-rigward tagħhom;
25. Fejn meħtieġ, iħeġġu u jagħmluha possibbli għat-tfal u ż-żgħażaġh biex jesperjenzaw in-natura permezz ta' attivitajiet speċifiċi u jiżviluppaw inizjattivi ekoloġiċi, bl-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fi kwistjonijiet ambjentali. Din l-esperjenza hija kruċjali għas-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet klimatiċi u dawk relatati mal-bijodiversità;

26. Iħeġġu l-iżvilupp ta' sħubiji bejn is-setturi tal-edukazzjoni, taż-żgħażaġh, tal-isport¹³ u kulturali kif ukoll is-setturi rilevanti kollha, sabiex jiġu żviluppati approċċi trażversali, ikkoordinati u komplementari ta' sensibilizzazzjoni bbażati fuq l-edukazzjoni għall-kwistjonijiet ambjentali, kif ukoll għal dawk relatati mat-telfien tal-bijodiversità u mat-tibdil fil-klima;
27. Iħeġġu u jappoġġaw l-istabbiliment ta' attivitajiet inklużivi ta' apprendiment bejn il-pari b'fokus fuq iż-żgħażaġh, kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki rigward kwistjonijiet ambjentali u dawk relatati mat-tibdil fil-klima, bħall-programmi tal-Ambaxxaturi Żgħażaġħ u l-programmi ta' mentoraġġ jew l-Attivitajiet ta' taħriġ u kooperazzjoni (TCA, Erasmus+) u l-Attivitajiet ta' networking (NET, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà), għas-sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażaġh kollha, inkluż dawk b'inqas opportunitajiet, u sabiex dawn jitħeġġu jieħdu azzjoni biex jitħares l-ambjent u jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima;
28. Jippromwovu edukazzjoni u taħriġ xierqa għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh biex jiġi żgurat li l-attivitajiet taż-żgħażaġh stabbiliti għalihom u magħhom ikunu ekoloġiċi u sostenibbli. Ikomplu jiżviluppaw inizzjattivi xierqa ta' ħidma fost iż-żgħażaġh b'fokus fuq l-involviment taż-żgħażaġh fi kwistjonijiet ambjentali, b'mod partikolari fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-bijodiversità;
29. Iħeġġu u jappoġġaw ir-rikonoxximent u l-isfruttament, mill-awtoritajiet pubbliċi, mis-settur privat u mis-soċjetà ċivili, tal-involviment taż-żgħażaġh biex jitħares l-ambjent u tal-kompetenzi trażversali, b'mod partikolari l-ħiliet soċjali li b'hekk ikunu akkwistaw;

¹³ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isport bħala lieva biex tiġi ttrasformata l-imġiba għall-iżvilupp sostenibbli, tal-4 ta' April 2022.]

30. Jissalvagwardjaw u joħlqu spazji ċiviċi sostenibbli¹⁴ fit-tul, siguri, aċċessibbli u inklużivi għall-kooperazzjoni ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, fejn l-ilħna taż-żgħażaġh jinstemgħu irrispettivament mill-età tagħhom, kif ukoll it-tħassib jew il-proposti tagħhom għal azzjonijiet biex jitħares l-ambjent u biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, sabiex dawn ma jiġux ikkonsultati biss iżda jkunu wkoll f'pożizzjoni fejn jipparteċipaw b'mod attiv fid-deċiżjonijiet relatati ma' dawn il-kwistjonijiet;
31. Jippromwovu lir-riċerkaturi żgħażaġh u lill-ħidma tagħhom dwar l-iżvilupp sostenibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali, parzjalment biex iservu ta' mudelli ideali għaż-żgħażaġh u parzjalment biex titħeġġeġ u tiġi promossa l-kondiviżjoni aktar diretta tar-riżultati fir-riċerka maż-żgħażaġh, biex dawn jingħataw is-setgħa biex jieħdu azzjoni;
32. Jappoġġaw l-istabbiliment ta' referenzi għat-taħriġ għal kwistjonijiet klimatiċi, ambjentali u għal dawk relatati mas-sostenibbiltà, għall-gruppi ta' età kollha u għal kull livell jew tip ta' apprendiment, edukazzjoni u taħriġ.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'ADERENZA MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

33. Jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċifiċi u l-opinjonijiet taż-żgħażaġh kollha, speċjalment ta' dawk b'inqas opportunitajiet, f'politiki u fi programmi ambjentali lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-bijodiversità, billi jippromwovu l-parteeipazzjoni tagħhom fil-bini u fl-implimentazzjoni ta' dawk il-politiki u l-programmi;

¹⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw il-parteeipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh, ĠU C 501I, 13.12.2021, p. 19–23.

34. Jappoġġaw u jitgħallmu mill-inizjattivi meħuda miż-żgħażaġh u mill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh biex ifasslu u jwettqu attivitajiet u kampanji ta' sensibilizzazzjoni, inkluż dawk diġitali, dwar il-klima, it-tniġġis, il-bijodiversità u kwistjonijiet ambjentali oħra;
35. Iħeġġu, jirrikonoxxu u, fejn xieraq, jappoġġaw finanzjarjament l-azzjonijiet u l-programmi mibdija u mmexxija miż-żgħażaġh fil-qasam ambjentali, b'mod partikolari dawk li jiġġieldu t-tibdil fil-klima u li jippreservaw il-bijodiversità, sabiex dawn jistgħu jkunu aġenti tal-bidla fis-soċjetà inġenerali, kif ukoll fl-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ tagħhom, fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tagħhom, fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, fil-komunitajiet lokali tagħhom u fost sħabhom;
36. Jippromwov u attivitajiet ta' volontarjat taż-żgħażaġh li jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u li għandhom l-għan li jippreservaw il-bijodiversità, kif ukoll jiffaċilitaw l-aċċess għal dawn l-attivitajiet billi jiżguraw speċifikament li dawn l-offerti jkunu disponibbli b'mod wiesa' u li jiġu kkomunikati fuq portals xierqa fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, bħall-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ u mezzi rilevanti oħra. Jippromwov u esperjenzi ta' volontarjat li jikkombinaw il-volontarjat lokali jew nazzjonali mal-volontarjat tranżnazzjonali billi, fejn xieraq, iħeġġu sinerġiji u komplementarjetajiet fost l-iskemi u l-attivitajiet nazzjonali, inklużi skemi u attivitajiet nazzjonali ta' volontarjat jew ta' servizz ċiviku, fejn dawn jeżistu, u skemi ta' volontarjat tal-UE, sabiex jiġi approfondit l-involviment tal-voluntiera żgħażaġh, jittejbu l-kompetenzi tagħhom u jissaħħa is-sens ta' appartenenza tagħhom għall-Unjoni Ewropea;

37. Fejn xieraq, jinvestu fl-ekonomija ekoloġika u jappoġġaw liż-żgħażaġh biex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa, kif ukoll jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għat-taħriġ li jhejjijhom għall-impjiegi ekoloġiċi tal-futur;
38. Fejn applikabbli, jappoġġaw lill-imprendituri żgħażaġh li jkunu qed jippruvaw jiżviluppaw proġetti b'fokus fuq soluzzjonijiet prattiċi għall-kwistjonijiet ambjentali, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u li jippreservaw il-bijodiversità; jagħtu attenzjoni partikolari lil proġetti żviluppati miż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet li jiltaqgħu ma' aktar diffikultajiet biex jibdew negozju;
39. Fejn applikabbli, jiżviluppaw programmi ta' mentoraġġ immexxija minn professjonisti u imprendituri li huma involuti b'mod attiv fl-isforz biex jinstabu soluzzjonijiet ambjentali, speċjalment dawk li jippreservaw il-bijodiversità u li jindirizzaw it-tibdil fil-klima, sabiex jingħataw appoġġ u gwida liż-żgħażaġh li qed jippruvaw ikollhom rwol attiv f'dan is-settur;
40. Iżidu s-sensibilizzazzjoni taż-żgħażaġh Ewropej rigward il-politiki u l-inizjattivi ambjentali tan-NU, kif ukoll il-parteċipazzjoni fihom, billi jsaħħu l-kooperazzjoni mal-korpi xierqa tan-NU bħall-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB).

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

41. Tiżgura li ż-żgħażaġh kollha jkunu jistgħu jifhmu u jieħdu f'idejhom il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inizjattivi li jirriżultaw minnu (bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida¹⁵), kif ukoll id-diversi programmi ambjentali Ewropej. Tippromwovi b'mod attiv l-aspetti kollha tal-Patt Klimatiku Ewropew liż-żgħażaġh kollha;
42. Tiżgura li l-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-politiki ambjentali Ewropej ikunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh u għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, u li permezz ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea tagħti kemm liċ-ċittadini kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati l-opportunità li jesprimu l-perspettivi tagħhom qabel tiffinalizza l-proposti leġislattivi tagħha. Bl-istess mod, tħeġġeġ il-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh f'inizjattivi ta' involviment taċ-ċittadini li jaqgħu fi ħdan il-missjonijiet tal-Unjoni Ewropea¹⁶;
43. Tippromwovi u tħeġġeġ opportunitajiet Ewropej għall-mobbiltà u inizjattivi fis-settur ambjentali fil-kuntest tal-programmi Erasmus+ u Korp Ewropew ta' Solidarjetà, biex jiġi żgurat li ż-żgħażaġh li jkunu jixtiequ jinvolve lilhom infushom fi kwistjonijiet ambjentali jkunu jistgħu jagħmlu dan, inklużi żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, b'mod partikolari dawk mir-reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll minn reġjuni insulari u minn żoni rurali u mbiegħda. Tiżgura li mezzi tat-trasport ekoloġiċi jingħataw prijorità f'dawn l-inizjattivi, sabiex titnaqqas l-impronta tal-karbonju ta' proġetti ta' mobbiltà għaż-żgħażaġh filwaqt li jiġi żgurat ukoll li dawn ikunu adattati għall-ħtiġijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, li jiffaċċjaw restrizzjonijiet minħabba l-qagħda mbiegħda tagħhom;

¹⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, COM(2021) 573 final.

¹⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Missjonijiet Ewropej, COM/2021/609 final.

44. Timplimenta attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u maż-żgħażaġh, dwar l-involviment taż-żgħażaġh fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, tal-preservazzjoni u l-irkupru tal-bijodiversità kif ukoll tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima u t-tniġġis, sabiex jiġu identifikati l-aħjar prattiki eżistenti fl-Istati Membri u biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' dawn il-prattiki fost l-Istati Membri.

JISTIEDNU LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI KOLLHA LI JIPPARTEĊIPAW
F'INIZJATTIVI TA' KOOPERAZZJONI EWROPEJ FL-OQSMA TAL-AFFARIJET TAŻ-
ŻGħAZAĠH, TAL-AMBJENT U TAT-TIBDIL FIL-KLIMA BIEX:

45. Jiżviluppaw attivitajiet ta' volontarjat li jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali għall-benefiċjarji tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u ta' programmi nazzjonali jew internazzjonali oħra ta' volontarjat; iqajmu sensibilizzazzjoni fost il-voluntiera kollha, irrispettivament mill-oqsma li jkunu involuti fihom, dwar kwistjonijiet ambjentali u l-impatt ambjentali tal-missjonijiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu joqgħodu attenti b'mod partikolari għall-impronta tal-karbonju tagħhom matul dawn l-attivitajiet;
46. Isaħħu l-kooperazzjoni Ewropea billi jikkondividu l-għodod u l-aħjar prattiki fil-qasam tal-involviment u l-parteciipazzjoni taż-żgħażaġh fl-azzjoni ambjentali fil-livell Ewropew, b'mod partikolari fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u tat-tniġġis kif ukoll fil-preservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż billi japprofittaw bis-sħiħ mill-possibbiltajiet offriti minn Erasmus+, mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u minn strumenti finanzjarji rilevanti oħra tal-UE.

a) REFERENZI

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill ħadu nota tad-dokumenti li ġejjin:

- Il-Parlament Ewropew, 2021 Youth Ideas Report For The Conference On The Future Of Europe (Rapport tal-2021 dwar l-Ideat taż-Żgħażaġh għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa), https://european-youth-event.europarl.europa.eu/wp-content/uploads/2021/10/2021_EYE_Report-Booklet_A5_20-10-Accessible.pdf
- In-Nazzjonijiet Uniti, ir-Riżoluzzjoni 70/1, Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli): https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, COM(2020) 380 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Klimatiku Ewropew, COM(2020) 788 final.
- In-Nazzjonijiet Uniti, 2015, Paris Agreement (Il-Ftehim ta' Pariġi): [ADOPTION OF THE PARIS AGREEMENT - Paris Agreement text English \(unfccc.int\)](https://unfccc.int/paris-agreement) (L-ADOZZJONI TAL-FTEHIM TA' PARIĠI - It-test tal-Ftehim ta' Pariġi bl-Ingliż)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill, Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14835-2019-INIT/mt/pdf>

- Konklużjonijiet tal-Kunsill, Approċċ komprensiv biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19 <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9850-2021-INIT/mt/pdf>
- Il-Kummissjoni Ewropea, L-Istat tal-Unjoni indirizz 2021: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/soteu_2021_address_mt_0.pdf
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh, L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1–22.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Regġuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, COM(2020) 625 final.
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), ĠU C 66, 26.2.2021.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw il-parteeipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh, ĠU C 501 I, 13.12.2021, p. 19–23.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2021), ĠU C 504I, 14.12.2021, p. 10–11.
- Il-Manifest Youth4Climate [Il-Manifest Youth4Climate \(unfccc.int\)](https://unfccc.int/youth4climate), Novembru 2021.

b) DEFINIZZJONIJIET GĦALL-FINI TA' DAWN IL-KONKLUŻJONIJIET

“Bijodiversità”: il-varjabbiltà fost l-organiżmi ħajjin mis-sorsi kollha, inkluż fost oħrajn l-ekosistemi terrestri, marini u akkwatiċi oħra u l-kumplessi ekoloġiċi li jagħmlu parti minnhom: dan jinkludi d-diversità fi ħdan l-ispeċijiet, bejn l-ispeċijiet u tal-ekosistemi.

“Tibdil fil-klima”: bidliet fil-klima li huma attribwiti direttament jew indirettament lill-attività tal-bniedem li jibdlu l-kompożizzjoni tal-atmosfera tad-dinja u li jaggravaw il-varjazzjonijiet naturali fix-xejriet klimatiċi osservati tul perijodi ta' żmien kumparabbli.

“Involviment”: kull azzjoni fl-interess ġenerali li tittieħed volontarjament jew fl-għamla ta' missjoni ta' volontarjat. Involviment jirreferi għal azzjonijiet ċiviċi volontarji u altruisti li jaqdu lil ħaddieħor.

“Ambjent”: il-kombinament ta' elementi naturali u soċjoekonomiċi li jikkostitwixxu l-qafas tal-kundizzjonijiet tal-ġajxien ta' individwu, ta' popolazzjoni jew ta' komunità fuq diversi skali spazjali. Bħala tali, il-ħarsien tal-ambjent jinvolti t-teħid ta' miżuri biex jiġi llimitat jew jitreggħa' lura l-impatt negattiv tal-attività tal-bniedem fuq l-ambjent.

“Mentoraġġ”: relazzjoni interpersonali volontarja fuq perijodu medju sa twil bejn persuna zaġġugħa u mentor, strutturata fi ħdan qafas professjonali.

“Attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari”: attivitajiet li, fil-livell tal-UE, jippermettu li l-Istati Membri li jiltaqgħu ma' sfidi ta' politika simili jaħdmu fi gruppi u jikkondividu Prattiki tajbin, jiffokaw fuq sfidi speċifiċi għall-pajjiż jew jappoġġaw aġenda nazzjonali ta' riforma partikolari b'għajnuna mill-pajjiżi pari, mill-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u minn esperti indipendenti, kif xieraq¹⁷.

¹⁷ Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-istruttura ta' governanza tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (2021/C 497/01), il-paragrafu 11.

“Żvilupp sostenibbli”: l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali b’mod li ma jikkompromettix il-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Dan jippromwovi ekonomija dinamika, livell massimu ta’ impjiegi, standards għoljin ta’ edukazzjoni, ta’ kura tas-saħħa u ta’ koeżjoni soċjali u reġjonali, kif ukoll ta’ ħarsien tal-ambjent, f’dinja sikura u paċifika li tirrispetta d-diversità kulturali.

“Żgħażaġħ b’inqas opportunitajiet”: żgħażaġh li għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew ta’ saħħa, minħabba fl-isfond ta’ migrazzjoni tagħhom, jew għal raġunijiet bħal diżabilità u diffikultajiet edukattivi jew għal xi raġuni oħra, inkluż raġuni li tista’ tagħti lok għal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiltaqgħu ma’ ostakli li jżommuhom milli jkollhom aċċess effettiv għall-opportunitajiet¹⁸.

¹⁸ Definizzjoni fir-Regolament (UE) 2021/888, l-Artikolu 2(4).